MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1935/2004

**Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta’ L-Ilma pro et noe**

**Vs**

**Paul Agius Cutajar**

**It-Tribunal,**

Wara li ra l-avviz prezentat fit-18 ta’ Ottubru, 2004 fejn talbet lil konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erbgha mitt lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm400.73c), rapprezentanti kont tad-dawl u ilma ghal fond St Paul’s Flat Block A, Triq San Vincenz, Hamrun, liema kont jinsab esebit u mmarkat WSC 1;

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa’ ma deherx u baqa’ ma pprezenta ebda risposta in konnessjoni u in kontestazzjoni ta’ l-istess talba attrici;

Semgha x-xhieda ta’ l-Avukat Dr Neville Young illi kkonferma illi l-ammont mitlub ghadu dovut sa llum;

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi u jaqta din il-kawza billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta` attrici u kwindi jikkundanna lill-konvenut Paul Agius Cutajar ihallas lis-socjeta` attrici s-somma kif rikjesta ta’ erbgha mitt lira u tlieta u sebghin centezmu (Lm400.73c) bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------